# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 43**

**Avviz numru 619/99/SM**

**Atlas Insurance Agency Ltd u dina in rappresentanza tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc li permezz ta' nota datata 4 ta' Jannar, 2000 il-kliem "Guardian Royla Echange Assurance plc" gew sostitwiti b' "AXA Insurance plc" kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghhom M. Demajo (Timbers) Ltd. abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.**

**vs**

**The Cargo Handling Company Limited, Gollcher Company Limited fil-kwalita' taghhom ta' agenti tas-socjeta' estera Grandi Traghetti di Navigazione Spa**

**armaturi tal-vapur Freccia Blu u l-Kontrollur tad-Dwana jew min minnhom.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Ihallsu lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' LM286. 20,0 mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmu, inkluzi l-ispejjes tas-surveyor, bhala d-danni sofferti minnu li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom u dan stante li huma unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat riportati fl-istess merkanzija u dana wara li tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat/nuqqasijiet kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li waslu fuq il-vapur Freccia Blu fl-4 ta' Mejju 1998, u li ghalihom is-socjeta' attrici ghamlet tajjeb u ghalhekk hija surrogata fid-drittijiet tal-istess assigurat;**

2. **Bl-imghax legali mid-data tal-pagament mill-attur nomine lill-assigurat tieghu u bl-ispejjes kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz taghha s-socjeta' Gollcher Company Limited nomine eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma mhumiex responsabbli ghad-danni in kwistjoni;**

2 **Illi f'kull kaz kwalunkwe responsabbilta hija limitata skond it-termini tal-polza ta' kariku;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz taghha l-Kontrollur tad-Dwana eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' interpellazjoni gudizzjarja permezz ta' ittra ufficjali jew protest ai termini tal-artikolu 460 tal-Kap 12;**

2. **Illi fil-mertu, l-esponent mhux legittimu kuntradittur f'din il-kawza, peress li r-rwol tieghu u li jara jekk u kemm dazju hu dovut, u mhux responsabbli ghall-iskarikar, maniggar u ppustjar tal-merkanzija fl-imhazen salv biex iwettaq dmiru skond il-ligi;**

3. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-31 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz taghha s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi preliminarjament, ghandu jigi ppruvat li n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici sehhew waqt illi l-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna kienet fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u s-supervizjoni tas-socjeta' konvenuta u li l-istess merkanzija giet ikkonsennjata lis-socjeta' konvenuta ezenti mill-istess nuqqasijiet;**

2. **Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghan-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti mill-ligi;**

3. **Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedotti bic-citazzjoni attrici huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont;**

4. **Illi fit-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta'danni, u li siccomme din**

si tratta ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali;

5. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici, il-kwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu rispinti bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ukoll finalment id-dikjarazzjoni guramentata ta' din l-istess socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited li stante li mhix il-procedura idonea f'kawzi quddiem din il-qorti qegheda konsegwentement tiskarta kompletament;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi preliminarjament taghmel referenza ghan-nota tas-socjeta' attrici datata l-25 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz taghha cediet l-atti tal-kawza fil-konfront tal-Kontrollur tad-Dwana;

Illi in vista tal-premess tezenta lill-konvenut Kontrollur tad-Dwana mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkonsidrat:

Illi fil-mertu l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' M. Demajo Timbers Limited importat merkanzija konsistenti fi 23 pakkett ta' injam permezz tal-vapur "Freccia Blu" li wasal Malta fl-14 ta' Marzu ta' l-1998;

**2. Illi skond il-polza tal-kariguipprezentata fl-atti de quo dan il-karigu ma jirrizultax li kellu xi hsarat fuqu;**

**3. Illi skond il-"gate pass-out" datat 18 ta' Mejju ta' l-1998, (Dok I), pero' jirrizulta li wiehed mill-pakketti ta' l-injam li thallew fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., sofra xi hsarat;**

**4. Illi ta' dan il-hsarat ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici li giet debitament surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' importatrici;**

**5. Illi d-danni komplessivi sofferti kif fuq intqal, inkluz dawk ta' l-investigazzjoni necessarja jammontaw ghal dak indikat fl-avviz odjern;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jidher ovvju li s-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., biss responsabbli ghall-akkadut stante li l-hsara sofferta sehhet meta l-merkanzija kienet taht il-kustodja taghha;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tillibera lill-konvenuti Kontrollur tad-Dwana u lis-socjeta' Gollcher Co. Ltd., stante li huma estranei ghall-akkadut tiddikjara li s-socjeta' konvenuta l-ohra, The Cargo Handling Company Ltd hi unikament responsabbli ghall-hsarat meritu ta' din il-procedura, tillikwida d-danni fl-ammont ta' mitejn u sitta u tmenin Lira Maltin u ghoxrin centezmu, (LM286.20,0) u tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas dan l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' attrici nomine, bl-ispejjez u bl-imghaxijet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**